SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

28 ta' Frar 2019*

"Appell – Klawżola ta' arbitraġġ – Artikolu 272 TFUE – Kunċett ta' 'azzjoni dikjaratorja' – Artikolu 263 TFUE – Kunċett ta' 'deċiżjoni amministrattiva' – Ftehim ta' sussidju konkluż fil-kuntest tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) (2007 sa 2013) – Rapporti ta' awditu li kkonstataw in-natura ineliġibbli ta' ċerti spejjeż iddikjarati"

Fil-Kawża C-14/18 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fil-5 ta' Jannar 2018,

Alfamicro – Sistemas de computadores, Sociedade Unipessoal, Lda, stabbilita f'Cascais (il-Portugall), irrappreżentata minn G. Gentil Anastácio u D. Pirra Xarepe, advogados,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn J. Estrada de Solà u M. M. Farrajota, bħala aġenti,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn C. Toader (Relatur), President tal-Awla, L. Bay Larsen, u M. Safjan, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Portugiż.

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, Alfamicro – Sistemas de computadores, Sociedade Unipessoal, Lda (iktar 'il quddiem "Alfamicro") titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-14 ta' Novembru 2017, Alfamicro vs Il-Kummissjoni (T-831/14, mhux ippubblikata, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2017:804), li permezz tagħha din ċaħdet ir-rikors tagħha li kellu bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 272 TFUE u li kienet intiża, essenzjalment, sabiex tiġi kkonstatata l-ineżistenza tal-kreditu tal-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tar-appellanti taħt il-ftehim ta' sussidju Nru 238882 dwar il-finanzjament mill-Unjoni Ewropea tal-proġett "Save Energy", konkluż fil-kuntest tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 (ĠU 2006, L 310, p. 15, iktar 'il quddiem il-"ftehim ta' sussidju kontenzjuż").

Il-kuntest ġuridiku

2 Konformement mal-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni Nru 1639/2006, moqri fid-dawl tal-premessa 2 tagħha, din ġiet adottata sabiex tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kompetittività u l-kapaċità innovattiva tal-Komunità Ewropea bħala soċjetà avvanzata ta' għarfien, bi żvilupp sostenibbli msejjes fuq tkabbir ekonomiku b'saħħtu, ekonomija tas-suq soċjali kompetittiva ħafna b'livell għoli ta' protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ambjent. Din id-deċiżjoni ġiet irrevokata mill-31 ta' Diċembru 2013 bir-Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME) (2014 - 2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE (ĠU 2013, L 347, p. 33, u rettifika fil-ĠU 2016, L 71, p. 323).

3 Skont il-premessa 19 tad-Deċiżjoni 1639/2006, din kienet tirrigwarda, b'mod partikolari, it-teħid ta' miżuri xierqa għall-prevenzjoni tal-irregolaritajiet u tal-frodi, kif ukoll l-miżuri neċessarji għall-irkupru tal-fondi mitlufa, imħallsa indebitament jew użati ħażin, konformement mar-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 340), mar-Regolament tal-Kunsill (EURATOM, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 303) u mar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1073/1999 (KE) tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 91).

4 Fost l-għanijiet previsti fl-Artikolu 2 ta' din id-deċiżjoni, kien hemm, fil-paragrafu 2(b) ta' dan l-artikolu, il-Programm ta' Sostenn għall-Politika dwar it-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u tal-Komunikazzjonijiet (ICT).

5 L-Artikolu 9 ta' din id-deċiżjoni, intitolat "Protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet", kien jipprevedi, fil-paragrafu 3 tiegħu:

"Il-miżuri kollha ta' implimentazzjoni li jirriżultaw minn din id-Deċiżjoni għandhom jipprovdu, b'mod partikolari, għas-sorveljanza u l-kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni jew kwalunkwe rappreżentant awtorizzat minnha u għall-verifiki mill-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri, jekk ikun meħtieġ verifiki fuq il-post."

Il-fatti li wasslu għall-kawża

6 Alfamicro hija kumpannija b'membru wieħed tad-dritt Portugiż li tipprovdi servizzi fil-qasam tal-informatika u tat-teknoloġija tal-informazzjoni. Fid-9 ta' Ġunju 2009, hija ffirmat mal-Kummissjoni il-ftehim ta' sussidju kontenzjuż.

7 Il-proġett "Save Energy", iffinanzjat minn dan il-ftehim, kien intiż sabiex jippermetti l-għarfien taċ-ċittadini u ta' dawk li jfasslu l-politika għall-kwistjonijiet marbuta mal-effiċjenza tal-enerġija. Dan il-proġett seħħ mill-1 ta' Marzu 2009 sal-31 ta' Ottubru 2011.

8 Alfamicro ħadet sehem f'dan il-proġett bħala koordinatur, fil-kuntest ta' konsorzju ma' 17-il sieħeb minn ħames Stati Membri. Hija kkoordinat l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota ta' innovazzjoni fil-qasam teknoloġiku u soċjali. Barra minn hekk, hija pparteċipat f'diversi proġetti oħra Ewropej fejn assumiet r-rwol ta' konsulent tekniku jew ta' koordinatur ta' proġett.

9 Il-ftehim ta' sussidju kontenzjuż jiffissa, fl-Artikolu 5(1) tiegħu, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Komunità għal EUR 2 230 000 u kien jippreċiża li din il-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun limitata għal 50 % tal-ispejjeż eliġibbli.

10 L-Artikolu 10 ta' dan il-ftehim, intitolat "Liġi applikabbli u ġurisdizzjoni", kien jipprevedi, fl-ewwel paragrafu tiegħu, li dan kien irregolat permezz tat-termini tiegħu, l-atti Komunitarji rilevanti dwar il-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni, ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej u r-regoli tiegħu li jimplimentaw dispożizzjonijiet oħra rilevanti tad-dritt Komunitarju b'mod ġenerali u, sussidjarjament, id-dritt Belġjan.

11 Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 10 ta' dan il-ftehim, "il-benefiċjarji jiddikjaraw l-għarfien u jaċċettaw li l-Kummissjoni tista' tieħu deċiżjonijiet li jinkludu obbligi pekunjarji [u li jagħtu titolu eżekuttiv] konformement mal-Artikolu 256 KE".

12 It-tielet paragrafu tal-Artikolu 10 tal-istess ftehim kien jistipula li, bla ħsara għad-dritt tal-Kummissjoni li tadotta direttament id-deċiżjonijiet imsemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 10, il-Qorti Ġenerali jew, f'każ ta' appell, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, kienu biss kompetenti sabiex jieħdu konjizzjoni tat-tilwim bejn il-Komunità, minn naħa, u l-benefiċjarji, min-naħa l-oħra, dwar l-interpretazzjoni, l-applikazzjoni jew il-validità tal-ftehim ta' sussidju kontenzjuż u l-legalità tad-deċiżjonijiet imsemmija iktar 'il fuq.

13 L-Anness II tal-ftehim ta' sussidju kontenzjuż, li kien jagħmel parti integrali minnu, kien jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ġenerali li bihom il-ftehim kien suġġett. L-Artikolu II.28 ta' dawn il-kundizzjonijiet ġenerali, intitolat "Awditu finanzjarju", jipprevedi, fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 tiegħu, li l-Kummissjoni setgħet, fi kwalunkwe ħin matul it-twettiq tal-proġett u għal ħames snin mid-data tal-pagament finali, tissottometti lill-benefiċjarju għal awditu. Skont it-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, dik il-proċedura setgħet titwettaq minn awdituri esterni jew mid-dipartimenti tal-Kummissjoni, inkluż l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF). Skont il-formulazzjoni tal-paragrafu 6 tal-Artikolu II.28 tal-imsemmija kundizzjonijiet ġenerali, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri kellha l-istess drittijiet bħall-Kummissjoni, b'mod partikolari d-dritt ta' aċċess, għall-finijiet ta' verifiki u ta' awditi.

14 It-tul tal-proġett "Save Energy", previst inizjalment għal 30 xahar, ġie sussegwentement estiż għal 32 xahar, sabiex intemm fit-3 ta' Ottubru 2011. Wara l-eżekuzzjoni ta' dan il-proġett, il-Kummissjoni ħallset is-somma ta' EUR 680 300, jiġifieri 50 % tal-ispejjeż iddikjarati minn Alfamicro.

15 Permezz ta' ittra tal-25 ta' Ottubru 2012, il-Qorti tal-Awdituri informat lil Alfamicro li, konformement mal-Artikolu 287 TFUE u kif previst fil-paragrafu 6 tal-Artikolu II.28 tal-kundizzjonijiet ġenerali tal-ftehim ta' sussidju kontenzjuż, hija kienet ser tkun is-suġġett ta' awditu fil-bini tagħha f'Cascais (il-Portugall), mis-17 sad-19 ta' Diċembru 2012. Il-Qorti tal-Awdituri għalqet din il-verifika fil-11 ta' April 2013.

16 Ir-rapport interim tal-awditu, ikkomunikat lil Alfamicro permezz ta' ittra tad-29 ta' April 2013, ġiet sussegwentement irriveduta mill-Qorti tal-Awdituri, b'kont meħud tal-osservazzjonijiet provviżorji ppreżentati mill-appellanti. Permezz ta' ittra tal-25 ta' Awwissu 2014, il-Kummissjoni bagħtet ir-rapport ta' awditu finali lil Alfamicro u nnotifikatha bl-għeluq definittiv ta' dan l-awditu. Wara dan l-awditu, il-Qorti tal-Awdituri ċaħdet bħala mhux konformi mal-oqsma kuntrattwali u regolatorji applikabbli l-ispejjeż relatati mal-persunal, mas-servizzi pprovduti minn subappaltaturi ta' Alfamicro kif ukoll "spejjeż diretti oħra", li prinċipalment jirrigwardaw l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ispejjeż relatati max-xiri ta' prodotti għall-konsum, li jlaħħqu ammont ta' EUR 934 262.

17 Permezz ta' ittra tat-8 ta' Settembru 2014 (iktar 'il quddiem l-"ittra ta' informazzjoni minn qabel"), il-Kummissjoni informat lil Alfamicro li, abbażi tal-konklużjonijiet tal-awditu, hija kienet ser tipproċedi għall-irkupru ta' somma ta' EUR 467 131 u li nota ta' debitu li tlaħħaq dan l-ammont kienet ser tiġi stabbilita fl-assenza ta' sottomissjoni minn Alfamicro ta' osservazzjonijiet f'terminu ta' 30 jum minn meta tirċievi din l-ittra. Il-Kummissjoni indikat ukoll li, fin-nuqqas ta' ħlas ta' din is-somma fit-terminu ppreċiżat fin-nota ta' debitu, l-interessi moratorji kienu ser jiġu kkalkolati bir-rata indikata f'din in-nota. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ppreċiżat li hija kellha l-possibbiltà li tirkupra din is-somma jew permezz ta' kumpens jew permezz tal-adozzjoni ta' att li jagħti titolu eżekuttiv. Permezz ta' ittra tat-8 ta' Ottubru 2014, Alfamicro kkontestat il-kontenut tal-ittra ta' informazzjoni minn qabel.

18 Permezz ta' ittra tat-28 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni kkonfermat il-pożizzjoni tagħha espressa fl-ittra ta' informazzjoni minn qabel u inkludiet nota ta' debitu bin-numru 3241413112, għal ammont ta' EUR 467 131, bid-data ta' skadenza għall-ħlas ikun it-12 ta' Diċembru 2014.

19 Sussegwentement, permezz ta' ittri tal-15 u tal-24 ta' April 2015, indirizzati lil Alfamicro matul il-fażi bil-miktub tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni informat lil din tal-aħħar li hija kienet ser twettaq tpaċija bejn dan id-dejn u ammonti oħra dovuti lill-appellanti bħala benefiċjarja fil-kuntest ta' tliet proġetti oħra ffinanzjati mill-Unjoni. Minħabba f'din it-tpaċija, l-ammont mitlub mill-Kummissjoni lil Alfamicro issa jammonta għal EUR 270 436.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

20 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-29 ta' Diċembru 2015, Alfamicro ressqet rikors ibbażat fuq l-Artikolu 272 TFUE, li jgħid li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi bis-saħħa ta' klawżola ta' arbitraġġ li tinsab f'kuntratt ta' dritt pubbliku jew ta' dritt privat li sar mill-Unjoni jew f'isimha.

21 Alfamicro talbet lill-Qorti Ġenerali tikkonstata l-invalidità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni allegatament inkluża fl-ittra tat-28 ta' Ottubru 2014, li l-konsegwenzi legali li jirriżultaw minnha, jiġifieri l-annullament tan-nota ta' debitu annessa ma' din l-ittra, ta' ammont ta' EUR 467 131, u l-ħruġ ta' nota ta' kreditu tal-istess ammont favur tagħha.

22 Quddiem il-Qorti Ġenerali, Alfamicro invokat motivi bbażati fuq il-ksur tal-ftehim ta' sussidju kontenzjuż fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-ispejjeż iddikjarati bħala ineliġibbli, tal-prinċipju ta' proporzjonalità, tal-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, ta' ċertezza legali u ta' amministrazzjoni tajba kif ukoll tal-obbligu ta' motivazzjoni.

23 Fir-replika tagħha, ippreżentata wara li l-atti ta' kumpens msemmija fil-punt 19 ta' din is-sentenza kienu ġew ikkunsidrati mill-Kummissjoni, Alfamicro estendiet is-suġġett tar-rikors tagħha billi talbet lill-Qorti Ġenerali tikkonstata l-invalidità ta' dawn l-atti ta' kumpens u tikkundanna lill-Kummissjoni sabiex tipproċedi għall-annullament tagħhom kif ukoll li tirrimborsaha is-somom korrispondenti, flimkien mal-interessi moratorji.

24 Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, ippreżentat kontrotalba intiża, essenzjalment, għall-kundanna ta' Alfamicro għar-rimbors tas-sussidji indebitament imħallsa fil-kuntest tal-ftehim ta' sussidju kontenzjuż.

25 Il-Qorti Ġenerali kklassifikat it-talba mressqa minn Alfamicro abbażi tal-Artikolu 272 TFUE bħala "azzjoni dikjaratorja", intiża sabiex tistabbilixxi l-ineżistenza tal-kreditu li tirreferi għalih il-Kummissjoni taħt il-ftehim ta' sussidju kontenzjuż.

26 Fir-rigward tal-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-ftehim ta' sussidju kontenzjuż, il-Qorti Ġenerali wettqet analiżi fil-fond tal-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tal-ispejjeż relatati mas-servizzi pprovduti minn konsulenti interni u s-subappaltaturi tagħha, f'dan il-każ kumpanniji O. u D. Hija kkonfermat l-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri u tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward, li ammont li jikkorrispondi għal 93 % tas-sussidju mħallas mill-Kummissjoni ma kienx verifikabbli u affidabbli u għalhekk ma setgħax jitqies bħala spejjeż realment sostnuti minn Alfamicro. Għaldaqstant, hija ddeċidiet li dawn l-ispejjeż ma kinux eliġibbli taħt il-ftehim ta' sussidju kontenzjuż u ċaħdet l-ewwel motiv.

27 Permezz tat-tieni motiv tagħha, Alfamicro invokat ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Peress li l-proġett "Save Energy" ġie ffinalizzat u li l-Kummissjoni bbenefikat totalment, Alfamicro sostniet li jkun sproporzjonat jekk is-sussidju jitnaqqas għal 7 % biss tal-ammont inizjali. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, fi ftehim ta' dan it-tip, is-sussidju ma jikkostitwixxix remunerazzjoni għal xogħol imwettaq mill-benefiċjarju, iżda sussidju għall-proġetti li l-ħlas tagħhom huwa suġġett għal kundizzjonijiet speċifiċi. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni setgħet biss tirrimborsa spejjeż eliġibbli skont il-ftehim iffirmat ma' dan il-benefiċjarju. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-prinċipju ta' proporzjonalità ma kienx ġie miksur u ċaħdet dan il-motiv.

28 Permezz tat-tielet motiv tagħha, Alfamicro invokat ksur tal-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, ta' ċertezza legali u ta' amministrazzjoni tajba. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan il-motiv bħala ineffettiv, peress li dawn il-prinċipji ma japplikawx fi kuntest kuntrattwali. Fi kwalunkwe każ, dawn il-prinċipji ma kinux ġew miksura f'dan il-każ.

29 Ir-raba' u l-aħħar motiv tal-appellanti kien ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni mill-Kummissjoni. Alfamicro sostniet li l-motivazzjoni tad-deċiżjoni allegatament inkluża fl-ittra tat-28 ta' Ottubru 2014 kienet "estremament qasira", b'tali mod li din id-deċiżjoni kienet ivvizzjata minn żball ta' liġi. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan il-motiv, peress li qieset li billi l-ittra ma tikkostitwixxix att amministrattiv, l-obbligu ta' motivazzjoni ma kienx japplika f'dan il-każ. Barra minn hekk, hija qieset li anki jekk dan il-motiv kellu jiġi interpretat bħala motiv ibbażat fuq l-obbligu li teżegwixxi l-kuntratt in *bona fide*, huwa ma jistax jintlaqa', peress li din l-ittra kienet waslet f'kuntest magħruf minn Alfamicro, li diġà kienet informata biżżejjed permezz tal-ittra ta' informazzjoni minn qabel.

30 Għaldaqstant il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-azzjoni dikjaratorja kollha kemm hi.

31 Fir-rigward tat-talbiet imressqa minn Alfamicro fir-replika tagħha, fejn hija talbet il-konstatazzjoni tal-invalidità tal-atti ta' kumpens meħuda mill-Kummissjoni wara l-preżentata tar-rikors promotur u l-kundanna tal-Kummissjoni sabiex tirrimborsalha s-somma ta' kumpens korrispondenti, flimkien mal-interessi moratorji, il-Qorti Ġenerali ċaħdithom bħala inammissibbli, għar-raġuni li dawn l-atti ta'

kumpens jikkostitwixxu atti amministrattivi li l-annullament tagħhom kellha tintalab abbażi tal-Artikolu 263 TFUE. Issa, ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali ma jippermettux tibdil tan-natura tar-rikors fil-mori tal-kawża.

32 F'dak li jirrigwarda l-kontrotalba tal-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali kkonfermat il-fondatezza tal-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri rigward l-ispejjeż ikkunsidrati bħala ineliġibbli u, għaldaqstant, l-eżistenza ta' kreditu favur il-Kummissjoni. Għalhekk, hija kkundannat lil Alfamicro tħallas lill-Kummissjoni l-ammont dovut wara l-atti ta' kumpens, jiġifieri EUR 277 849.93, flimkien ma' interessi ta' EUR 26.88 għal kull jum ta' dewmien sa mill-20 ta' Ġunju 2015 u sakemm ittemm kompletament id-dejn tagħha li jirriżulta mill-implimentazzjoni tal-ftehim ta' sussidju kontenzjuż.

It-talbiet tal-partijiet

33 Permezz tal-appell tagħha, Alfamicro titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiġi deċiża skont il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 263 TFUE, u

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha.

34 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– prinċipalment, tiddikjara l-appell mressaq mill-appellanti inammissibbli;

– sussidjarjament, tiċħad l-appell bħala infondat u, għaldaqstant, tikkonferma s-sentenza appellata, u

– tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż kollha.

Fuq l-appell

35 Insostenn tal-appell tagħha, Alfamicro tinvoka erba' aggravji, l-ewwel wieħed ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata mill-Qorti Ġenerali tal-kapijiet tat-talbiet tar-rikors inizjali minħabba l-konstatazzjoni tal-fatt li l-kreditu invokat mill-Kummissjoni taħt il-ftehim ta' sussidju kontenzjuż kien ineżistenti, it-tieni, fuq il-ksur tal-ftehim ta' sussidju kontenzjuż, it-tielet, fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u, ir-raba', fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali.

Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq ksur tad-dritt għal rikors minħabba fin-nuqqas ta' applikazzjoni tal-Artikolu 263 TFUE

Fuq l-ammissibbiltà tal-ewwel aggravju

– L-argumenti tal-partijiet

36 Il-Kummissjoni teċċepixxi l-inammissibbiltà tal-ewwel aggravju. Hija tibbaża ruħha fuq il-fatt li Alfamicro kienet ippreżentat ir-rikors tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali abbażi tal-Artikolu 272 TFUE u tal-klawżola ta' arbitraġġ li tinsab fil-ftehim ta' sussidju kontenzjuż. Billi titlob, fil-kuntest tal-appell, li l-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza appellata u tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi, abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, fuq il-validità ta' allegata deċiżjoni amministrattiva

adottata mill-Kummissjoni u li tinsab fl-ittra tagħha tat-28 ta' Ottubru 2014, l-appellanti tbiddel is-suġġett tal-kawża, bi ksur tal-Artikolu 170 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant dan l-aggravju għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

37 Alfamicro ssostni li hija kienet indikat b'mod ċar fir-rikors promotur li hija kienet titlob li l-Qorti Ġenerali tikkonstata l-invalidità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tinsab, fil-fehma tagħha, fl-ittra tat-28 ta' Ottubru 2014 u tannulla n-nota ta' debitu inkluża magħha. Il-Qorti Ġenerali wkoll aċċettat, fil-punti 35 u 36 tas-sentenza appellata, li Alfamicro talbet l-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni, billi sostniet li d-deċiżjoni li tinsab f'din l-ittra tikkostitwixxi att amministrattiv. L-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà invokata mill-Kummissjoni għandha tiġi miċħuda.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

38 Konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li kieku parti titħalla tqajjem għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja motiv li hija ma qajmitx quddiem il-Qorti Ġenerali jkun ifisser li din il-parti tkun qed titħalla tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja bi kwistjoni li tkun usa' minn dik li fuqha ddeċidiet il-Qorti Ġenerali. Fil-kuntest ta' appell, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, limitata għall-eżami tal-evalwazzjoni mill-Qorti Ġenerali tal-motivi li jkunu ġew ittrattati quddiemha. Madankollu, argument li ma jkunx tqajjem fl-ewwel istanza ma jikkostitwixxix motiv ġdid li huwa inammissibbli fl-istadju tal-appell jekk dan ikun jikkostitwixxi biss elaborazzjoni ta' argument li jkun diġà ġie żviluppat fil-kuntest ta' motiv imressaq fir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali (sentenza tas-16 ta' Novembru 2017, Ludwig-Bölkow-Systemtechnik vs Il-Kummissjoni, C-250/16 P, EU:C:2017:871, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Ċertament, Alfamicro kienet talbet, quddiem il-Qorti Ġenerali, li din tal-aħħar tiddeċiedi abbażi, mhux tal-Artikolu 263 TFUE, iżda tal-Artikolu 272 TFUE u tal-klawżola ta' arbitraġġ li tinsab fil-ftehim ta' sussidju kontenzjuż.

40 Madankollu, jirriżulta mill-punt 36 tas-sentenza appellata li l-appellanti talbet, sa mill-bidu, għall-konstatazzjoni tal-invalidità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni allegatament inkluża fl-ittra tat-28 ta' Ottubru 2014. Minn dan isegwi li Alfamicro kienet, fil-fatt, qed tipproċedi b'azzjoni għal annullament. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkonstatat din il-kontradizzjoni u qieset, fil-punt 41 tas-sentenza appellata, li l-possibbiltà ta' rikors għal annullament huwa inammissibbli, peress li la din l-ittra u lanqas in-nota ta' debitu ma jikkostitwixxu atti amministrattivi li jistgħu jiġu kkontestati fil-kuntest ta' rikors bħal dan.

41 Minn dan jirriżulta li Alfamicro diġà sostniet, fil-kuntest tar-rikors tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, li l-ittra tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ottubru 2014 kellha titqies bħala att amministrattiv minn din l-istituzzjoni, minkejja li kienet ibbażat l-azzjoni tagħha fuq bażi legali żbaljata. Peress li l-ewwel aggravju huwa bbażat fuq evalwazzjoni żbaljata, mill-Qorti Ġenerali, tan-natura ġuridika tal-ittra tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ottubru 2014, dan il-motiv jikkostitwixxi biss amplifikazzjoni ta' argument diġà żviluppat fil-kuntest ta' motiv imressaq fir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali.

42 Konsegwentement, hemm lok li dan l-aggravju jiġi ddikjarat ammissibbli.

Fuq il-mertu

– *L-argumenti tal-partijiet*

43 Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, Alfamicro tallega li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat li l-att li tiegħu hija kienet talbet l-annullament ma jippreżentax il-karatteristiċi ta' att li jista' jiġi kkontestat, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, u li hija ddeċidiet, fil-punt 50 tas-sentenza appellata, li t-talba ta' Alfamicro kienet intiża sabiex il-Qorti Ġenerali tikkonstata l-ineżistenza tal-kreditu li l-Kummissjoni tinvoka taħt il-ftehim ta' sussidju kontenzjuż.

44 Skont Alfamicro, diversi elementi juru li l-ittra tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ottubru 2014 tikkostitwixxi att amministrattiv. Din l-ittra tistabbilixxi b'mod unilaterali l-kreditu u d-data ta' skadenza tiegħu u tipprevedi li l-Kummissjoni għandha s-setgħa tieħu atti eżekuttivi. Għalhekk, in-natura tal-awditu imwettaq mill-Qorti tal-Awdituri u l-fatt li r-riżultati ta' dan l-awditu kienu ġew estrapolati għal ftehimiet oħra bejn Alfamicro u l-Kummissjoni juri li dan l-awditu joħroġ mill-qafas kuntrattwali.

45 Bl-istess mod, il-miżuri ta' kumpens meħuda mill-Kummissjoni wara l-imsemmija ittra, kienu huma wkoll jikkostitwixxu atti amministrattivi. Madankollu, ikun kontradittorju li, minn naħa, jiġi sostnut li l-kreditu tal-Kummissjoni huwa bbażat fuq bażi kuntrattwali li, b'riżultat ta' dan, tobbliga lill-benefiċjarju jagħti bidu għal azzjoni abbażi tal-Artikolu 272 TFUE u, min-naħa l-oħra, li tirrikonoxxi l-possibbiltà lill-Kummissjoni li tipproċedi unilateralment għall-irkupru ta' dan il-kreditu permezz ta' tpaċija permezz ta' att amministrattiv li jista' jiġi biss kkontestat abbażi tal-Artikolu 263 TFUE.

46 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti mressqa minn Alfamicro insostenn tal-ewwel aggravju tagħha.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

47 Preliminarjament, hemm lok li jitfakkar, bħalma għamlet il-Qorti Ġenerali fil-punt 42 tas-sentenza appellata, li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rikors għal annullament skont l-Artikolu 263 TFUE jista' jiġi ppreżentat kontra l-atti kollha meħuda mill-istituzzjonijiet, tkun xi tkun in-natura jew il-forma tagħhom, li huma intiżi li jipproduċu effetti legali vinkolanti ta' natura li jaffettwaw l-interessi ta' appellant, billi jbiddlu b'mod sostanzjali l-pożizzjoni legali tiegħu (sentenzi tad-9 ta' Settembru 2015, Lito Maieftiko Gynaikologiko kai Cheirourgiko Kentro vs Il-Kummissjoni, C-506/13 P, EU:C:2015:562, punt 16 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-20 ta' Frar 2018, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-16/16 P, EU:C:2018:79, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

48 Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja, f'diversi okkażjonijiet, iddeċidiet li l-kompetenza ta' interpretazzjoni u ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE mill-qorti tal-Unjoni fil-kuntest ta' rikors għal annullament ma tapplikax meta s-sitwazzjoni legali tar-rikorrent tkun taqa' fil-kuntest ta' relazzjonijiet kuntrattwali li s-sistema legali tagħhom hija rregolata mil-liġi nazzjonali magħżula mill-partijiet kontraenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2015, Lito Maieftiko Gynaikologiko kai Cheirourgiko Kentro vs Il-Kummissjoni, C-506/13 P, EU:C:2015:562, punt 18, u d-digriet tal-21 ta' April 2016, Borde u Carbonium vs Il-Kummissjoni, C-279/15 P, mhux ippubblikat, EU:C:2016:297, punt 39).

49 Fil-fatt, jekk il-qorti tal-Unjoni tirrikonoxxi lilha nfisha l-ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar l-annullament ta' atti li jaqgħu f'kuntest purament kuntrattwali, hija tirriskja mhux biss li tneħħi s-sens tal-Artikolu 272 TFUE, li jippermetti li tingħata l-ġurisdizzjoni tal-Unjoni abbażi tal-klawżola ta' arbitraġġ, iżda wkoll, fil-każ fejn il-kuntratt ma jkunx fih klawżola bħal din, li testendi l-ġurisdizzjoni tagħha lil hinn mil-limiti stabbiliti mill-Artikolu 274 TFUE, li jagħti lill-qrati nazzjonali l-ġurisdizzjoni

tad-dritt komuni sabiex jiddeċiedu tilwimiet li l-Unjoni tkun parti minnhom (sentenza tad-9 ta' Settembru 2015, Lito Maieftiko Gynaikologiko kai Cheirourgiko Kentro vs Il-Kummissjoni, C-506/13 P, EU:C:2015:562, punt 19).

50 Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li, fil-każ ta' kuntratt li jorbot lil rikorrent ma' waħda minn dawn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, tista' biss titressaq kawża quddiem il-qrati tal-Unjoni skont l-Artikolu 263 TFUE jekk l-att ikkontestat ikun intiż li jipproduċi effetti legali vinkolanti li ma jaqgħux taħt ir-relazzjoni kuntrattwali li torbot lill-partijiet u li jimplikaw l-eżerċizzju tal-prerogattivi ta' awtorità pubblika mogħtija lill-istituzzjoni kontraenti fil-kwalità tagħha ta' awtorità amministrattiva (sentenza tad-9 ta' Settembru 2015, Lito Maieftiko Gynaikologiko kai Cheirourgiko Kentro vs Il-Kummissjoni, C-506/13 P, EU:C:2015:562, punt 20).

51 F'dan il-każ, l-att ikkontestat minn Alfamicro hija l-ittra tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ottubru 2014 li permezz tagħha hija tinnotifika nota ta' debitu lil Alfamicro u tintimaha li ser tipproċedi għar-rimbors tas-somom indebitament imħallsa skont il-ftehim ta' sussidju kontenzjuż, liema ammont jikkorrispondi għal dak li jinsab f'din in-nota ta' debitu.

52 Għaldaqstant, din in-nota ta' debitu taqa' fil-kuntest tal-ftehim ta' sussidju kontenzjuż, sa fejn għandha bħala għan l-irkupru ta' kreditu li jirriżulta minn dan. Tali nota ta' debitu u l-ittra ta' intimazzjoni li takkumpanjaha fihom biss l-indikazzjoni tad-data ta' skadenza kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' ħlas tal-kreditu li huma jikkonstataw u ma jistgħux jiġu assimilati ma' titolu eżekuttiv bħala tali, minkejja li jsemmu l-mezz ta' eżekuzzjoni tal-Artikolu 299 TFUE bħala għażla possibbli fost oħrajn li għandha l-Kummissjoni fl-ipoteżi fejn id-debitur ma jeżegwixxix fid-data tal-iskadenza stabbilita (sentenza tad-9 ta' Settembru 2015, Lito Maieftiko Gynaikologiko kai Cheirourgiko Kentro vs Il-Kummissjoni, C-506/13 P, EU:C:2015:562, punt 23).

53 Fi kwalunkwe każ, f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma għamlitx użu għall-infurzar iżda ddeċidiet li tagħmel kontrotalba quddiem il-Qorti Ġenerali intiża għall-kundanna ta' Alfamicro għall-ħlas ta' dan id-dejn.

54 Barra minn hekk, ebda element invokat minn Alfamicro ma jippermetti li jitqies li l-Kummissjoni aġixxiet fil-kwalità tagħha ta' awtorità amministrattiva jew li l-ittra tat-28 ta' Ottubru 2014 ipproduċiet effetti legali barra mill-kuntest kuntrattwali, li jistgħu jaffettwaw is-sitwazzjoni legali ta' Alfamicro.

55 Fil-fatt, l-awditu mwettaq mill-Qorti tal-Awdituri kien previst mill-ftehim ta' sussidju kontenzjuż u jirriżulta minn proċedura normalment prevista f'dan it-tip ta' ftehim. L-awditi għandhom l-għan li jiżguraw li l-benefiċjarju ta' sussidju jiġi biss rrimborsat għall-ispejjeż eliġibbli skont il-ftehim li jallokahom, b'mod li jiżgura ġestjoni u użu responsabbli tal-fondi Ewropej.

56 Huwa minnu li, wara li bagħtet l-ittra tagħha tat-28 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni wettqet estrapolazzjoni tar-riżultati tal-awditu dwar il-ftehim ta' sussidju kontenzjuż għal ftehimiet oħra li hija kienet ikkonkludiet ma' Alfamicro u li d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni abbażi ta' dawn l-estrapolazzjonijiet jistgħu, jekk ikun il-każ, jikkostitwixxu atti amministrattivi ta' din l-istituzzjoni, jekk joħorġu mill-kuntest kuntrattwali ta' dawn il-ftehimiet l-oħra. Madankollu, minn naħa, il-kreditu kkonstatat mill-Kummissjoni fl-ittra tagħha tat-28 ta' Ottubru 2014 ma hijiex ibbażata fuq tali estrapolazzjoni, iżda, b'mod dirett, fuq ir-riżultati tal-awditu li sar mill-Qorti tal-Awdituri fir-rigward ta' nefqa ddikjarata minn Alfamicro skont il-ftehim ta' sussidju kontenzjuż u, min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali ma kinitx adita minn talba dawn il-ftehimiet l-oħra.

57 Bl-istess mod, l-atti ta' kumpens sussegwentement magħmula mill-Kummissjoni huma atti separati u l-eventwali karattru amministrattiv tagħhom ma għandu ebda impatt fuq in-natura kuntrattwali tad-dikjarazzjoni ta' kreditu stabbilita fin-nota ta' debitu li takkumpanja l-ittra ta' din l-istituzzjoni tat-28 ta' Ottubru 2014. Barra minn hekk, jekk Alfamicro tikkritika, b'mod ġenerali, l-approċċ iddifferenzjat tal-miżuri kuntrattwali u tal-atti amministrattivi ta' kumpens mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali, hija ma tikkontestax, fil-kuntest ta' dan l-appell, id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali,

fil-punt 196 tas-sentenza appellata, li tiddikjara bħala inammissibbli t-talbiet intiżi għall-annullament tal-atti ta' tpaċija tal-Kummissjoni, iżda sempliċement issostni li l-Qorti Ġenerali kellha tikkunsidra li l-ittra tat-28 ta' Ottubru 2014 u n-nota ta' debitu annessa ma' din l-ittra jikkostitwixxu atti li jistgħu jiġu kkontestati, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE.

58 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta kkunsidrat li, anki jekk ir-rikors fl-ewwel istanza, għalkemm espliċitament ibbażat fuq l-Artikolu 272 TFUE, kellu jiġi kklassifikat bħala "rikors għal annullament" li għandu l-bażi legali tiegħu fl-Artikolu 263 TFUE, tali rikors huwa inammissibbli, peress li la l-ittra tat-28 ta' Ottubru 2014 u lanqas in-nota ta' debitu annessa ma' din l-ittra ma jikkostitwixxu atti li jistgħu jiġu kkontestati, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, b'tali mod li kellu jitqies li r-rikors ta' Alfamicro kien ibbażat fuq l-Artikolu 272 TFUE, fid-dawl tal-klawżola ta' arbitraġġ li tinsab fil-ftehim ta' sussidju kontenzjuż.

59 Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tieni u t-tielet aggravji, ibbażati fuq il-ksur tal-ftehim ta' sussidju kontenzjuż u tal-prinċipju ta' proporzjonalità

L-argumenti tal-partijiet

60 Permezz tat-tieni u tat-tielet aggravji tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, Alfamicro tikkontesta lill-Qorti Ġenerali li ddeċidiet, fil-punt 142 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kienet obbligata titlob ir-rimbors tal-finanzjament tal-ispejjeż ikkunsidrati bħala ineliġibbli u li hija ma kisritx il-prinċipju ta' proporzjonalità jew l-obbligu tagħha ta' eżekuzzjoni in *bona fide* tal-obbligi kuntrattwali tagħha.

61 Skont Alfamicro, il-klawżola II.28 tal-ftehim ta' sussidju kontenzjuż li tipprevedi li l-Kummissjoni għandha tieħu "l-miżuri xierqa kollha li tqis li jkunu neċessarji", kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-prinċipju ta' proporzjonalità fl-applikazzjoni tar-riżultat tal-awditu mwettaq mill-Qorti tal-Awdituri. Il-ftehim ta' sussidju kontenzjuż huwa kuntratt sinallagmatiku u Alfamicro ssodisfat l-obbligi tagħha skont dan. Issa, billi tnaqqas is-sussidju bi 93 %, minkejja l-fatt li l-proġett "Save Energy" tlesta, il-Kummissjoni kisret din il-ftehim u l-prinċipju ta' proporzjonalità.

62 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti mressqa minn Alfamicro insostenn tat-tieni u tat-tielet aggravji tagħha.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

63 Għandu jitfakkar, preliminarjament, li l-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punti 90 u 128 tas-sentenza appellata, li l-Qorti tal-Awdituri kienet evalwat korrettament in-natura ineliġibbli tal-ispejjeż iddikjarati minn Alfamicro. Din il-konstatazzjoni, li f'kull każ ta' evalwazzjoni taqa' taħt is-setgħa sovrana tal-Qorti Ġenerali, ma hijiex ikkontestata f'dan l-appell.

64 Għalhekk għandu biss jiġi vverifikat jekk il-Qorti Ġenerali, ġustament, evalwatx li, billi naqqset it-totalità tal-ispejjeż meqjusa ineliġibbli mill-ammont tas-sussidju u, konsegwentement, billi talbet ir-rimbors ta' parti kbira minn dan is-sussidju, il-Kummissjoni ma kisritx il-prinċipju ta' proporzjonalità.

65 F'dan il-kuntest, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni għandha l-obbligu, skont l-Artikolu 317 TFUE, li tosserva l-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Hija tiżgura wkoll il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħha. L-istess għandu japplika f'materji kuntrattwali, peress li s-sussidji mogħtija mill-Kummissjoni ġejjin mill-baġit tal-Unjoni. Skont prinċipju

fundamentali li jirregola l-għajnuna mogħtija mill-Unjoni, din tal-aħħar tista' tissussidja biss spejjeż effettivament minfuqa (sentenza tat-28 ta' Frar 2013, Il-Portugall vs Il-Kummissjoni, C-246/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:118, punt 102 u l-ġurisprudenza ċċitata).

66 Konsegwentement, il-Kummissjoni ma tistax, mingħajr ma tikser il-prinċipji stabbiliti mit-Trattat FUE, tapprova nefqa mill-baġit tal-Unjoni mingħajr bażi legali. Issa, fil-kuntest ta' sussidju, huwa l-ftehim ta' sussidju li jirregola l-kundizzjonijiet ta' għoti u ta' użu minnha u, b'mod iktar partikolari, il-klawżoli dwar id-determinazzjoni tal-ammont ta' dan is-sussidju abbażi tal-ispejjeż ddikjarati mill-parti kontraenti flimkien mal-Kummissjoni.

67 Għaldaqstant, jekk l-ispejjeż iddikjarati mill-benefiċjarju ma humiex eliġibbli taħt il-ftehim ta' sussidju kontenzjuż, peress li dawn ġew meqjusa mhux verifikabbli u/jew mhux affidabbli, il-Kummissjoni ma għandha l-ebda għażla ħlief li tipproċedi għall-irkupru tas-sussidju ta' ammonti mhux iġġustifikati, peress li, abbażi tal-bażi legali li tikkostitwixxi dan il-ftehim ta' sussidju, din l-istituzzjoni hija biss awtorizzata tħallas, mill-baġit tal-Unjoni, dawk is-somom debitament iġġustifikati. F'dawn iċ-ċirkustanzi, f'dan il-każ, li titlob ir-rimbors tal-parti tas-sussidju korrispondenti għall-ispejjeż ineliġibbli, kif identifikati fir-rapport ta' awditu tal-Qorti tal-Awdituri, hija miżura xierqa.

68 Għal dak li jirrigwarda l-argumenti dwar in-natura sinallagmatika ta' dan il-ftehim, huwa biżżejjed li jitfakkar li s-sussidju ma jirrappreżentax kumpens għat-twettiq tal-proġett imsemmi fil-ftehim ta' sussidju. L-ammonti mħallsa mill-Kummissjoni skont din jingħataw lilha biss sabiex il-benefiċjarju jkun jista' jagħmel tajjeb għall-ispejjeż iġġenerati għat-twettiq ta' dan il-proġett. Peress li parti minn dawn l-ispejjeż ġew meqjusa bħala ineliġibbli, billi l-benefiċjarju ma ssodisfax l-obbligu kuntrattwali tiegħu li jiġġustifika l-użu tas-somom li ġew allokati lilu, din il-parti tal-ispejjeż għandha tkun is-suġġett ta' rkupru mill-Kummissjoni u l-fatt li l-benefiċjarju kien sadanittant wettaq il-proġett kopert mill-ftehim ta' sussidju ma huwiex ta' natura li jinfluwenza dan l-obbligu.

69 Fir-rigward tal-argument ta' Alfamicro ibbażat fuq l-eżistenza ta' arrikkiment indebitu, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li dan huwa invokat għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u, għaldaqstant, ma huwiex ammissibbli.

70 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta kkonstatat li l-Kummissjoni, billi talbet ir-rimbors tal-finanzjament tal-ispejjeż meqjusa bħala ineliġibbli, ħadet, fir-rigward tal-appellanti, miżura xierqa, peress li din kienet l-unika miżura li hija setgħet tadotta skont l-obbligi tagħha li jirriżultaw kemm mill-ftehim ta' sussidju kontenzjuż kif ukoll mid-dritt tal-Unjoni, u li hija, f'dan il-kuntest, ma aġixxietx b'mod kuntrarju għall-prinċipju ta' proporzjonalità jew ta' eżekuzzjoni f'*bona fide* tal-ftehim.

71 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, it-tieni u t-tielet aggravji għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

Fuq ir-raba' aggravju, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali

L-argumenti tal-partijiet

72 Permezz ta' dan l-aggravju, Alfamicro issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, inkwantu hija kellha tikkonstata ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali mill-Kummissjoni. L-appellanti tqis li l-paragrafu 5 tal-Artikolu II.28 tal-ftehim ta' sussidju kontenzjuż jipprevedi li l-Kummissjoni setgħet tieħu "miżuri xierqa". Issa, l-appellanti ssostni li, anki li kieku setgħet tantiċipa li l-fatt li ma kinitx f'pożizzjoni li tiġġustifika l-ispejjeż iddikjarati taħt il-ftehim ta' sussidju kontenzjuż seta' kellu konsegwenzi fuq l-ammont tas-sussidju, hija qatt ma setgħet tantiċipa li dan kien ser ikun imnaqqas bi

93 %, minkejja l-fatt li l-proġett tlesta. Il-Kummissjoni kienet għalhekk adottat miżuri inadegwati, kuntrarjament għal dak previst mill-ftehim ta' sussidju kontenzjuż u, għalhekk, kisret il-prinċipju ta' ċertezza legali.

73 Il-Kummissjoni tikkontesta dan l-argument.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

74 Għandu jitfakkar li l-Qorti Ġenerali ġiet adita fil-kwalità tagħha ta' qorti tal-kuntratt, li kellha tiddeċiedi fuq tilwima ta' natura kuntrattwali, u mhux bħala qorti li tiddeċiedi dwar il-legalità ta' att li jista' jkun is-suġġett ta' rikors għal annullament skont l-Artikolu 263 TFUE.

75 Issa, il-prinċipju ta' ċertezza legali, li jagħmel parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, jeħtieġ li r-regoli tad-dritt ikunu ċari, preċiżi u prevedibbli fl-effetti tagħhom, sabiex il-persuni interessati jkunu jistgħu jorjentaw ruħhom f'sitwazzjonijiet u relazzjonijiet legali li huma parti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, France Télécom vs Il-Kummissjoni, C-81/10 P, EU:C:2011:811, punt 100 u l-ġurisprudenza ċċitata).

76 F'dan il-kuntest, minn dan isegwi li ġustament il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punti 156 u 157 tas-sentenza appellata, li l-prinċipju ta' ċertezza legali ma kienx japplika f'kawża ta' natura kuntrattwali, li fiha l-Qorti Ġenerali ma hijiex mitluba tivverifika l-legalità ta' att amministrattiv. Għaldaqstant, ksur eventwali ta' dan il-prinċipju huwa irrilevanti fuq l-obbligi li għandha l-Kummissjoni skont il-ftehim ta' sussidju kontenzjuż.

77 Għaldaqstant, ir-raba' aggravju għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv.

78 Minn dak kollu li jippreċedi jirriżulta li l-ebda wieħed mill-aggravji invokati minn Alfamicro insostenn tal-appell tagħha ma jista' jintlaqa'.

79 Għaldaqstant, l-appell għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

80 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn ir-regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell taħt l-Artikolu 184(1) tagħhom, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li Alfamicro tilfet, hemm lok li hija tiġi ordnata tbati l-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Alfamicro – Sistemas de computadores, Sociedade Unipessoal, Lda hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem